MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 74/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fil-5 ta' April 2008, u minn dan iz-zwieg twieldu zewg tfal, u cioe' il-minuri N B li twieled fid-29 ta' Dicembru 2006 u H B li twieldet fil-31 ta' Awissu, 2008; u
2. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibli u dan minhabba ragunijiet u htija imputabbli lill-konvenut intimat, senjatament minhabba adulterju, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi kommessi mill-konvenut intimat fil-konfront tal-esponenti, u *in subsidium* minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u
3. Illi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bejn il-partijiet ma kellhomx ezitu pozittiv, u ghalhekk l-esponenti giet kostretta li tipprocedi b'din l-istanza; u
4. Illi l-esponenti giet awtorizzata li tipprocedi gudizzjarjament permezz ta' Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 16 ta' Novembru 2010; u

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut intimat, senajtament minhabba adulterju, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi kommessi mill-intimat fil-konfront tal-esponent, u *in subsidium* minhabba li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment;
2. Tiddikjara u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-esponenti, filwaqt illi jigu ffissati l-granet u l-hinjiet li fihom il-konvenut intimat ghandu jkollu access ghal uliedu;
3. Tillikwida manteniment li l-konvenut intimat ghandu jigi ordnat li jivversa ghal uliedu minuri, u konsegwentement tordna illi l-konvenut intimat ihallas lill-esponenti tali manteniment ghall-minuri;
4. Tapplika kontra l-konvenut intimat, interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u konsegwentement tillikwida u taqsam f'zewg porzjonijiet l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u tghaddi sabiex tassenja favur kull parti mill-kontendenti s-sehem spettanti lil dik il-parti mill-assi li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tordna lill-konvenut intimat jikkonsenja lill-attrici rikorrenti l-beni dotali u parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu;
7. Tawtorizza lill-esponenti tirriveri ghal kunjomha ta' xebba, u cioe' Camilleri;
8. Tawtorizza lill-esponenit sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza li eventwalment ser tinghata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut intimat, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-esponent jaqbel li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali minn ma martu r-rikorrenti imma mhux ghar-ragunijiet attribwibbli lilu izda lilha; l-esponent ser jipprova illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser kagun ta' l-adulterju, l-eccessi u s-sevizzi, kif ukoll ingurji gravi kommessi mir-rikorrenti fuq l-esponent, kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi l-esponent qed jopponi li l-kura u kustodja tal-minuri ulied tigi fdata f'idejn r-rikorrenti esklussivament; huwa bhala missier il-minuri jhoss li l-istess ghandha tkun konguntiva bejn il-partijiet, kif del resto hija prezentement, bi dritt ta' access lejn l-esponent;
3. Illi l-esponent filwaqt li ma jaqbilx li ghandu ihallas manteniment ghal martu u dana stante li hija ghandha l-eta u l-kapacita li tahdem, kif qed taghmel fil-present, l-esponent ma ghandux diffikulta li imantni lill-uliedu fl-ammont hekk kif ordnat minn din il-Qorti permezz ta' digriet precedenti; ovvjament dan dejjem tenut kont ic-cirkostanzi finanzjarji tal-esponent u t-tibdil fl-istess;
4. Illi stante li l-esponent ma jahtiex ghal firda huwa ma ghandux jigi ippenalizzat skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi l-esponent mhux qed jopponi li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tigi xolta, terminata u likwidata;
6. Illi l-esponent jaqbel li kull parti ghandha tigi assenjata dawk l-assi li jmissu lilha, izda biss wara li dina il-Qorti tqies it-tortijiet kommessi mir-rikorrenti fil-konfront tal-esponent, liema tortijiet waslu ghat-tkissir taz-zwieg;

7. Illi is-sitt talba qed tigi opposta stante li r-rikorrenti ma kellha ebda assi parafernali jew dotali;
8. Illi l-esponent ma jopponiex ghas-seba talba li r-rikorrenti tirriveri ghal kunjom xbubita u lanqas ma jopponi ghat-tmien talba li s-sentenza tigi registrata fir-Registru Pubbliku;
9. Illi l-esponent qed jopponi ghal hlas tal-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan li l-attrici tattribwixxi t-tort ghall-istess separazzjoni fuq l-intimat filwaqt li dan tal-ahhar, min-naha tieghu minkejja li ma jopponix ghas-separazzjoni, jikkontendi li r-responsabbilita' ghall-istess ghandha tinghata lir-rikorrenti.

**VERZJONI RIKORRENTI**

Permezz tal-affidavit taghha[1] l-attrici tibda billi tirrakkonta kif iltaqghet mal-intimat u li ftit tax-xhur wara li bdew johorgu flimkien harget tqila. Tghid li bezghet kif ser tghid lill-genituri taghha. Tghid li meta l-intimat sar jaf, ghalkemm kien mahsud, ried jassumi r-responsabbilita' ghat-tarbija li kienet gejja fid-dinja. Qal li kien ferhan b'din l-ahbar peress li kien sar ihobbha. Tghid li l-intimat ried jizzewweg u jingabar izda hi kienet thoss li kien kmieni wisq u li ma kellhomx jizzewgu sempliciment ghaliex kellhom tarbija. Tirrakkonta t-tibdiliet li ghamlu wara t-twelid tat-tarbija, inkluz li l-intimat kien imur jorqod ghandha biex iqattghu anke aktar hin bhala familja izda din ir-rutina bdiet titkisser meta l-istess intimat beda jaraha ta' skaricc li jinzel iz-Zurrieq u ghalhekk beda jonqos milli jmur, daqqa bi skuza u daqqa b'ohra. Pero' l-attrici tghid li qatt ma ghaddhielha hsieb hazin. Ghalkemm tirrakkonta li l-hajja intima taghhom ma kienitx daqshekk tajba, u wara hdax-il xahar mit-twelid tat-tarbija, skopriet li regghet kienet tqila. L-intimat ferah b'din l-ahbar u ried li jfittxu jizzewgu. Fil-fatt hekk sar. Tghid li hekk kif marru ghall-*honeymoon* bit-tifel b'kollox, l-intimat beda jghajjarha injoranta u ssemmi episodju partikolari fejn wara li taha hass hazin minflok mar jara xi gralha, beda jghajjarha pulcinella.

Imbaghad beda jmur lura d-dar tard, daqqa minhabba xi laqgha tal-MFA u daqqa l-ground. L-attrici bdiet tiddejjaq ghaliex spicca la jaghti kaz taghha u lanqas tat-tifel. Darba fost l-ohrajn, minghajr intenzjoni ta' xejn, rat messagg fuq il-*mobile* tieghu li kien jindika li hemm xi rapport sesswali, imma l-intimat mill-ewwel qallha li dan kien xi zball. Wara li zammet in-numru tal-persuna li kienet bghatet il-messagg u l-ghada cemplet in-numru, l-attrici serrhet rasha ghaliex semghet lehen ta' guvni u ghalhekk ikkonkludiet li verament kien zball.

F'Awwissu 2008 twieldet it-tifla H b'dan li l-attrici tghid li l-konvenut ma kienx jaghti daqqa t'id u kien salvagg maghha u kemm mat-tfal. Tghid ukoll li kien minghaliha li l-flus li qalghu fit-tieg kienu tpoggew f'joint account izda maz-zmien irrealizzat li fil-fatt tali *joint account* ma jezistix. Maghha u mat-tfal kien ikun dejjem ghajjien. Zied ukoll il-ftuh tal-hanut

[1] Esebit a fol 38 tal-process

tieghu nhar ta' Hadd izda dabra fost l-ohrajn marret il-hanut u ratu jirkeb il-karozza. Meta cemplitlu u staqsietu fejn qieghed, qallha li kien il-hanut. Kien f'dan il-mument fejn qabditu f'gidba li ndunat li kien hemm xi haga hazina. Sabet ukoll xi messaggi li tefghu dubju dwar is-sesswalita' tieghu kif sabet ukoll *websites* fuq il-*computer* tieghu li huma relatati mas-sess, il-pornografija u nies omosesswali. L-ispjegazzjoni tieghu kienet li rahom ghall-kurzita' u xejn aktar.

Ghalkemm l-intimatipprova jibda pagna gdida, skopriet xi messaggi ohra fuq il-*mobile* tieghu u din id-darba ma qaltlu xejn dwarhom. Kien car li l-messaggi qed jinbghatu lil xi ragel ghax wiehed minnhom kien jindika li kien xtralu rigal. B'dan il-gideb kollu u bl-informazzjoni li kienet qed tigbor, ir-relazzjoni taghhom spiccat fix-xejn. Issemmi wkoll li f'April 2009 l-intimat kien ircieva ittra minghand certu Dennis Theuma fuq xi kawza relatata ma' kwistjoni ta' droga imma l-intimat irrifjuta li jitkellem dwarha u qatta' l-karta. L-attrici pruvat issalva z-zwieg taghhom anke *tramite councellor* izda l-intimat ma riedx jikkopera. Mat-tieni tentattiv taghha, telqet mid-dar ghal kollox b'dan li rnexxielhom jiftehmu kif ser jara lill-minuri 'l kbir, peress li z-zghira kellha biss ftit tax-xhur u ghalhekk ma kienx jihodha. Tghid li l-intimat kien jirrikattaha bit-tifel u li ser idawwar il-fatt biex jghid li hi mignuna. Prova minn kollox biex ikissirha sabiex terga' tmur lura.

Imbaghad hadilha l-minuri 'l kbir ghal hames (5) xhur shah. Ma setghetx tarah u lanqas tkellmu hlief fil-*weekend* meta kien ikun irid johrog. Meta mbaghad irnexxielha tiehdu, l-intimat qajjem kjass shih tant li kellha tintervjeni l-Pulizija. Peress li ma kienx hemm ebda digriet, il-Pulizija ma setghet taghmel xejn u konsegwentement l-attrici kellha ccedi li jerga' jiehu lill-minuri ghaliex bezghet li jekk ma ccedix, il-minuri jispicca f'istitut.

Tghid li giet imqabbda Therese Micallef bhala *social worker* tal-kaz taghhom u sussegwentement hareg digriet li permezz tieghu setghet tmur tigbor lill-minuri. Minhabba l-pika tal-intimat, il-minuri l-kbir tilef anke

l-opportunita' li jkun *page-boy* u zzid tghid ukoll li l-istess minuri ghadda minn trawma kbira fuq dak li ra u esperjenza tant li qed jinghata l-ghajnuna.

Tghid ukoll li l-intimat ma jsegwix il-hinijiet tad-digriet, b'dan li l-minuri jiehdu gost meta jkunu jafu li missierhom mhux gej ghalihom. Dwar hlas ta' manteniment l-attrici tiddikjara li l-intimat ilu ma jhallas is-somma ta' €250 kull erba' (4) gimghat ghal aktar minn sena u ghalhekk ikollha tiehu l-passi kontra tieghu kriminalment, apparti l-fatt li l-istess intimat ma jhallas ebda spejjez ta' sahha u edukazzjoni ghall-istess minuri kif ordnat jaghmel.

Tikkontendi li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejha, b'dan li r-residenza tal-istess ulied tkun maghha filwaqt li l-intimat ghandu jkollu access biss fil-*weekend* minhabba l-impenji li ghandhom l-istess ulied. Izzid tghid li m'ghandhiex tkun obbligata tibqa' tistenna lill-intimat ghal aktar minn nofs siegha.

Taghlaq billi tghid li fid-dar ta' Haz-Żebbug halliet xi effetti personali taghha, fosthom affarijiet relatati mal-*business* taghha, izda minkejja ftehim verbali fis-sens li dawn ghandhom jittiehdu lura mill-attrici, dan baqa' qatt ma sar. Tiddikjara li formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti m'hemm xejn izda tispecifika li l-intimat kien igib somma kbar ta' flus lura d-dar qabel ma sseparaw.

Flimkien mal-affidavit taghha tipprezenta numru ta' dokumenti li juru li l-intimat jista' jkun ghandu orjentazzjoni sesswali omosesswali.

Permezz tax-xiehda taghha in kontro-ezami[2], r-rikorrenti tghid li l-hanut ta' *hairdressing* li kienet tiggestixxi ghal madwar sitt (6) snin kien bil-kera

[2] Ara s-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Nadia Vella datata l-11 ta' Dicembru 2013 esebita a fol 574 tal-process

minghand terzi ghall-ammont ta' Lm5 kull jum inkluz il-Hdud u l-festi. Tichad li qatt ghamlet xoghol ta' *hairdressing* mid-dar bil-hlas imma tghid li gieli ghamlet xi *blow-dry* ghal xi familjari bla flus. Tiddikjara li qatt ma marret fid-djar tan-nies. Tghid li tixtieq terga' tibda tahdem ghalkemm il-kera taqtalha qalbha, izda ma tistax minhabba t-tfal.

Tikkonferma li tircievi l-ammont ta' €433 kull erba' gimghat bhala beneficcju socjali u l-ammont ta' €577 kull tliet (3) xhur bhala *children's allowance*. Tghid li ilha ma tircievi manteniment ghal sena u tghaddi bir-*relief* u gieli bl-ghajnuna tal-genituri taghha. Mill-*hairdressing* ma taqlax flus izda jsir bhal tpartit ghaliex klijenta taghmlilha d-dwiefer filwaqt li ohra taghmillha *facial*. Tiddikjara li tista' taqla l-ammont ta' €54 fil-gimgha minghajr ma jitnaqqsu l-beneficcji socjali u tixtieq li taghmel hekk.

Dwar il-*laptop* u s-*sites* tghid li dan kien fl-*store* fejn hemm il-lavranti u li ma kellu ebda *password*. Tghid li qatt ma rat xi lavrant fuq l-istess *laptop* u li l-intimat qatt ma cahad li s-*sites* kienu tieghu.

**<u>IL-VERZJONI TAL-INTIMAT</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[3] l-intimat jghid li bejnu u r-rikorrenti qatt ma kien hemm problemi izda jiddikjara li l-partijiet izzewgu wara li twieldet it-tieni tarbija taghhom. Wara z-zwieg il-partijiet bil-kemm ghamlu sena jghixu flimkien. Ghalih din kienet sorpriza. Jispjega li marru ghat-terapija ghal darba biss u marru ghand qassis biex jippruvaw isolvu l-problemi taghhom, b'dan li r-rikorrenti sostniet li l-problema kienet li l-intimat ma kienx jaghtiha pjacir. Il-parir tal-qassis kien li dawk huma affarijiet li jissolvew izda r-rikorrenti riedet tibqa' ghaddejja bis-separazzjoni. Jghid li kienet ir-rikorrenti li kienet tiddeposita l-flus li kien igib l-intimat. Dak iz-zmien kellu wkoll hanut, b'dan li kienet tmur u tiehu dak kollu li kellha bzonn. Fi ftit kliem jghid li r-rikrorenti kellha l-kontroll finanzjarju

[3] Esebit a fol 591 tal-process

ghalkemm il-pagamenti kienu jsiru kollha minnu. Jispjega wkoll li minkejja li r-rikorrenti ma kellha ebda piz ghaliex kollox kien jithallas mill-intimat, irnexxielha ttella’ kont ta’ €5000 fuq il-*mobile* taghha.

Jghid li ghalkemm martu tghid li ma tahdimx, fil-verita’ tahdem mid-dar ta’ ommha minghajr ma tiddikjara xejn b’dan li tghix hajja lussuza. Min-naha tieghu jghid li mhux ilahhaq mal-manteniment ghaliex minn dak iz-zmien li gie dekretat l-ammont ta’ manteniment li jrid jithallas inbidlu l-affarijiet u llum il-gurnata huwa biss impjegat fuq bazi *part-time*.

Jaghlaq billi jghid li r-rikorrenti ghandha ragel iehor u wliedu qed jiltaqghu ma’ dan it-terz.

Permezz tax-xiehda tieghu in subizzjoni[4] jghid li xogholu huwa varju b’dan li jibbidja ghal xi tenders ta’ servizzi ta’ *bulky refuse* b’dan li rebah tal-Birgu, Fgura u San Pawl il-Bahar. Jghid ukoll li gieli applika sabiex ikun *project manager* fuq progetti ta’ toroq. Dwar il-hanut *ultimate* jghid li dan m’ghadux f’idejh ghaliex huwa proprjeta’ ta’ ommu u tmexxieh hi stess.

Dwar l-ulied jghid li jarhom fost il-gimgha meta jkollu cans ghaliex il-hin tax-xoghol tieghu ivarja. Mistoqsi dwar xi relazzjoni li jista’ jkollu, jghid m’ghandux u lanqas ma kellu peress li kien ikun mat-tfal. Mistoqsi mbaghad ghaliex biddel l-*status* tieghu fuq *facebook* minn *in a relationship* ghal *engaged* jghid li ghalih dawn huma l-istess.

Dwar il-manteniment, jghid li l-ahhar pagament kien sar dak ix-xahar stess izda ghalkemm gie ssuggerit li tali pagament kien relattiv ghal Mejju, ma setax jikkonferma dan, tant li obbliga ruhu li jipprezenta l-

---

[4] Ara s-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Nadia Vella datata d-19 ta’ Novembru 2012 esebita a fol 413 tal-process

pitazz tal-ircevuti. Tali pitazz, jew ahjar kopja tieghu, giet prezentata u hija esebita in atti[5].

Imbaghad fis-seduta datata t-8 ta’ Marzu 2013[6] jispjega li l-van li juza ghax-xoghol bin-numru ta’ registrazzjoni HBC 449 m’huwiex tieghu izda ghandu arrangament mas-sid b’dan li per ezempju mill-gbir tal-iskart fil-Fgura kien jiehu tletin fil-mija (30%) tad-dhul, filwaqt li minn dak tal-Birgu kien jiehu erbghin fil-mija (40%). Il-hlas isir *cash* b’dan li l-istess intimat ma zammx rendikont tal-istess.

Jghid li l-*average* ammont li jaqla mix-xoghol tal-*bulky refuse* huwa dak ta’ madwar hames mitt Euro (€500) b’dan li l-istess intimat ma japplikax ghar-*relief* u lanqas jirregistra ghax-xoghol fiz-zmien meta ma jkollux xoghol. Qatt ma hallas kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ socjali. Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma ghall-post fejn joqghod ihallashom hu stess izda jghid li ghandu hlasijiet b’lura li ma jafx l-ammonti taghhom, b’dan li jghid li fis-sena li dam jghix mal-intimata kien tela’ kont ta’ sebat elef Euro (€7000) li ghadu qed ihallas.

Imbaghad, permezz tax-xiehda tieghu in subizzjoni fit-30 ta’ Settembru 2013[7], mistoqsi dwar ir-relazzjoni li ghandu mal-kumpanija Dimbros Limited, jghid li huwa impjegat taghha fuq bazi *part-time* b’dan li d-direttrici hija ommu stess, Josephine B. Jerga’ jikkonferma li huwa jahdem fuq il-kuntratti li rebhet id-Dimbros Limited relattivi ghall-Fgura, San Pawl il-Bahar u l-Birgu. Isemmi li fi zmien meta kienet diga’ twieldet it-tifla, kien imexxi hanut bhala impjegat ta’ Dimbros izda mhux fil-prezent.

Permezz tax-xiehda tieghu in kontro-ezami[8] l-intimat jishaq li ghadu ma jafx sal-lum x’inhi r-raguni ghaliex r-rikorrenti telqet mid-dar. Mistoqsi

[5] Ara a fol 436 – 437 tal-process
[6] Ara a fol 427 tal-process
[7] Ara a fol 482 tal-process
[8] Ara s-seduta tat-23 ta’ Mejju 2014

dwar l-ilment tar-rikorrenti li tallega li kellu relazzjonijiet ma' rgiel ohra, l-intimat jghid li jaf bl-allegazzjoni li skont hi ma kienx jaghtiha pjacir. Jerga' jikkonferma li kienet ir-rikorrenti li kienet tmur taghmel id-depositi fil-bank. Jghid li ghalkemm ma kienx jiddejjaq li martu kienet tiehu xi flus biex tixtri xi affarijiet meta tohrog ma' ommha u ohtha, jghid li kienet tberbaq ghaliex fil-fatt tellghet kont kbir tal-*mobile* li wassal ghal mandat fil-konfront tieghu.

**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghac-certifikat taz-zwieg tal-partijiet datat il-5 ta' April 2008[9].

Issir referenza ghax-xiehda ta' WPS 22 Lara Butters fejn prezentat numru ta' rapporti li gew intavolati mill-attrici[10] kif ukoll il-fedina penali tal-istess intimat[11].

Ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta Romauld Attard jiddikjara li sab erba' (4) kontijiet f'isem l-intimat b'dan li tnejn mill-istess kontijiet huma maghluqin. Imbaghad, Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank (Malta) Plc tiddikjara li f'isem l-intimat instabu disa' (9) kontijiet[12]. L-attrici stess tesebixxi zewg rapporti mhejjija minn Therese Micallef bhala *social worker*[13] (fejn fl-ewwel wiehed tirrakkomanda kura u kustodja f'idejn l-attrici b'access favur l-intimat ta' darbtejn fil-gimgha u access ta' saghtejn nhar ta' Sibt) u rapport iehor fejn l-istess *social worker* waslet ghall-istess konkluzjonijiet. Apparti minn hekk, l-istess attrici tipprezenta wkoll kopja tad-digriet relattiv ghall-manteniment u cioe' d-digriet fejn l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta' €250 kull erba' (4) gimghat[14].

---

[9] Esebit a fol 4 tal-process
[10] Ara Dok. Pul 1- PUL 6 esebiti a fol 72 – 89 tal-process
[11] Ara Dok. Pul 7 esebita a fol 90 – 94 tal-process
[12] Ara Dok. HSBC 1 – 9 esebiti a fol 150 – 376 tal-process
[13] Ara Dok. DDX1 u Dok. DDX2 esebiti a fol 377 – 385 tal-process
[14] Ara d-digriet datat id-9 ta' Settembru 2009 esebit a fol 389 tal-process

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Romauld Attard[15] fejn bhala rapprezentant tal-Valletta Fund Management Limited jghid li huwa sab informazzjoni li tmur lura sas-sena 2007 u jipprezenta hames dokumenti[16].

Issir referenza ghax-xiehda ta' Christopher Cutajar in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali tal-Fgura[17] li jghid li jaf lill-intimat b'dan li l-kuntratt ghall-gbir tal-iskart *bulky refuse* gewwa l-Fgura huwa f'isem Josephine B ghan-nom tas-socjeta' Dimbros Limited, liema kuntratt kien jiskadi nhar it-23 ta' Marzu 2014. Fix-xiehda tieghu sussegwenti jipprezenta prospett tal-pagamenti kollha li saru lill-intimat f'isem Dimbros Limited.

Il-Qorti rat ix-xhieda ta' Kathleen Diacono in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar[18] illi tesebixxi prospett tal-introjtu tal-intimat mill-istess Kunsill lokali. Tikkonferma wkoll li l-istess intimat rebah kuntratt ta' *patching* tat-toroq li l-hlasijiet tieghu jirrizultaw ukoll mill-istess prospett. Tikkonferma li tali xoghol isir mill-intimat ghas-socjeta' Dimbros.

Permezz tax-xiehda taghha, Brenda Vella in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig[19], tesebixxi l-*employment history* tar-rikorrenti[20], liema dokument juri li prezentement ir-rikorrenti ma tahdimx.

---

[15] Datata t-18 ta' Lulju 2012 esebita a fol 395 tal-process
[16] Ara a fol 400 – 404 tal-process
[17] Ara x-xhieda tieghu datata l-20 ta' Mejju 2013 esebita a fol 441 tal-process
[18] Ara x-xhieda taghha datata s-26 ta' Gunju 2013 esebita a fol 450 tal-process
[19] Ara a fol 487 tal-process
[20] Ara Dok. ETC1 esebit a fol 491 tal-process

Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HBC Bank Malta Plc[21] tiddikjara li minn ricerka li saret fuq ir-rikorrenti fis-17 ta' Ottubru 2013 sabet tliet (3) kontijiet li ghadhom attivi[22].

Lorenzo Gonzi in rapprezentanza ta' Bank of Valletta Plc[23] jghid li f'isem ir-rikorrenti sab biss kont bankarju wiehed li huwa attiv[24].

Issir referenza wkoll ghall-affidavit ta' Svetlana B[25] li tigi oht l-intimat. Tikkonferma li r-rikorrenti harget tqila wara ftit u li kien biss wara t-twelid tat-tieni wild li l-partijiet izzewgu. Damu jghixu taħt l-istess saqaf ghal madwar sena wara z-zwieg. Tghid li sa' fejn taf hi ma kien hemm ebda problema li setghet twassal ghas-separazzjoni ta' bejniethom u ghalhekk, din l-ahbar kienet ta' xokk ghaliha. Ippruvat tikkonvinci lill-istess rikorrenti biex tirranga izda kien kollu ta' xejn. Tghid li rat lir-rikorrenti fil-kumpanija ta' terz u li meta t-tfal ikunu maghha, it-tfal ma jigrux ghal fuqha qabel ma tghidilhom ommhom filwaqt li meta jkunu ma' missierhom, imorru jigru ghal fuqha mill-ewwel.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew***

[21] Ara a fol 488 tal-process
[22] Ara Dok. HSBC1 – HSBC 3 esebiti a fol 492 – 568 tal-process
[23] Ara a fol 489 tal-process
[24] Ara Dok. BOV1 esebit a fol 569 tal-process
[25] Ara a fol 608 tal-process

***minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-partijiet jaghtu ragunijiet differenti ghat-tkissir taz-zwieg taghhom, liema allegazzjonijiet mhux kollha gew pruvati quddiem il-Qorti izda dak li rrizulta bic-cert huwa li z-zwieg tal-partijiet tkisser ghaliex iz-zewg partijiet kienu jqattghu hafna hin ‘il boghod minn xulxin bir-rikorrenti ghand ommha u l-intimat fuq ix-xoghol u dan wassal ghal nuqqas ta’ intimita’ bejniethom. Ma kienx hemm rieda tajba bizzejjed da parti taz-zewg partijiet biex jigi salvat iz-zwieg. Ghalhekk, fid-dawl ta’ dan il-Qorti tirrileva li m’ghandha ebda raguni ghaliex m’ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija ugwali taz-zewg partijiet.

**<u>DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI U ACCESS GHALL-INTIMAT</u>**

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta’ kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta li kuntrarjament ghal dak li ssostni r-rikorrent, hemm interess da parti tal-intimat. Anke mir-rapport tal-Avukat tat-Tfal (li naturalment kellha l-opportunita’ li tkellem lill-minuri wahedha) rrizulta li l-intimat ghandu jsiefer mal-minuri. Tali konkluzjoni turi li hemm rapport tajjeb bizzejjed biex irrakkomandat tali safra. Il-Qorti temmen li m’hemm xejn mill-atti li jista’ jwassalha ghal konkluzjoni li mhux fl-ahjar interessi tal-minur li l-kura u l-kustodja tkun wahda kongunta. Huwa minnu li l-minuri jirrisjedu mar-rikorrenti u dan m’ghandux jigi disturbat pero’ dan ma jfissirx li l-intimat ghandu jigi negat mill-kura u l-kustodja ta’ wliedu. Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, il-kura u l-kustodja taz-zewg minuri

qiegheda tigi fdata f'idejn iz-zewg partijiet b'dan li r-residenza tal-istess minuri tkun mar-rikorrenti.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-MINURI**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' finanzjarja kollha relatata mal-minuri waqghet fuq l-intimata. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[26]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[27]fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

[26] Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)

[27] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

"***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodiċi."***

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-miżżewġin huma f'pożizzjoni ta' ugwaljanza u għandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfgħu r-responsabilitajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom***."

Ċertament li l-obbligi mniżżla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri verso l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom u skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-liġi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

Dwar il-kwistjoni ta’ manteniment, il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet taghha fejn l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta’ €250 kull erba’ (4) gimghat[28].

Jigi rilevat ukoll li l-minimu ghal dak li jirrigwarda manteniment hija dik ta’ madwar €200 fix-xahar jew kull erba’ (4) gimghat oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni ghal kull wild. Tenut kont tal-fatt li r-responsabbilita’ tal-ulied hija fuq iz-zewg genituri b’mod indaqs u tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet huma kapaci jahdmu aktar minn dak li qed jiddikjaraw li jahdmu (kemm kwantu ghas-sieghat kif ukoll ta’ introjtu), il-Qorti thoss li l-manteniment li ghandu jigi mhallas mill-intimat versu l-minuri ghandu jkun dak ta’ erba’ mitt Euro (€400) kull erba’ (4) gimghat *oltre* nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess ulied, liema manteniment ghandu jithallas direttament lill-attrici mill-paga tal-intimat f’kont bankarju indikat minnha. Il-manteniment jibqa’ jithallas *di fermo* sakemm kull minuri jkollu / jkollha tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsiru maggorenni jkun / tkun qed jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa’ jithallas mill-intimat lill-attrici sakemm l-istess minuri jieqaf / tieqaf jistudja / tistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq / tilhaq l-eta’ ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita’ ssehh l-ewwel.

Dwar l-access, il-Qorti ma tarax ghaliex m’ghandux ikun hemm access liberu bi ftehim bejn il-partijiet. Pero’ ghal finijiet ta’ kjarezza u pratticita’, f’kaz li ma jkunx hemm ftehim dwar l-access li ghandu jigi ezercitat mill-intimat, l-access ghandu jkun bil-mod segwenti: nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis bejn l-4.00pm u s-7.00pm. Imbaghad fil-*weekend* l-access ikun b’mod alternat, l-ewwel gimgha, mill-gurnata tal-Gimgha mis-6.00pm

[28] Ara d-digriet datat id-9 ta’ Settembru 2009 esebit a fol 389 tal-process

sal-ghada s-Sibt fis-6.00pm u l-gimgha ta’ wara mill-gurnata tas-Sibt mis-6.00pm sal-ghada l-Hadd fis-6.00pm.

**DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda tar-rapprezentanti tal-banek li jidhru li huma l-unici provi li tressqu rigward il-komunjoni tal-akkwisti. Jissemma dejn ma’ terzi, fosthom ma’ kumpaniji tal-*mobile* pero’ il-Qorti m’ghandha ebda prova ta’ dan. Ghalhekk fic-cirkustanzi, anke *stante* l-fatt li l-partijiet ma kellhom ebda proprjeta’ immobbli flimkien, il-Qorti ser ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod segwenti:

**Assi li ser jigu assenjati b’mod esklussiv lill-komparenti mara**

1. Kwalunkwe kont bankarju u / jew investiment li seta’ sar mill-attrici f’isimha personali ghandu jitqies li huwa proprjeta’ esklussiva taghha;

2. Kwalunkwe dejn li huwa intestat f’isimha, kemm jekk huwa antecedenti jew wara d-data taz-zwieg;

**Assi li ser jigu assenjati b’mod esklussiv lill-komparenti ragel**

1. Kwalunkwe kont bankarju u / jew investiment li seta’ sar mill-intimat f’ismu personali ghandu jitqies li huwa proprjeta’ esklussiva tieghu;

2. Kwalunkwe dejn li huwa intestat f’ismu, kemm jekk huwa antecedenti jew wara d-data taz-zwieg;

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 KONTRA L-INTIMAT**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga’ kellha l-opportunita’ li tiddikjara aktar ‘il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli liz-zewg partijiet b’mod ugwali u ghaldaqstant, il-Qorti ma thossx li ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet imsemmija fil-konfront tal-istess intimat.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli liz-zewg partijiet;

[2] Tilqa' t-tieni talba attrici u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri N u H B b'access favur l-intimat skont kif indikat fil-paragrafu intitolat 'Dwar it-Talba tal-Kura u l-Kustodja tal-Minuri u Access ghall-Intimat';

[3] Tilqa' t-tielet talba attrici b'dan li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' erba' mitt Euro (€400) kull erba' (4) gimghat *oltre* nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild, liema manteniment ghandu jithallas direttament lill-attrici mill-paga tal-intimat. Il-manteniment jibqa' jithallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollhom tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsiru maggorenni jkun / tkun qed jistudja / tistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat lill-attrici sakemm l-istess minuri jieqaf / tieqaf jistudja / tistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq / tilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

[4] Tichad ir-raba' talba attrici;

[5] Tilqa l-hames talba attrici u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu 'Dwar it-Talba Ghax-Xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti';

[6] Tichad is-sitt talba;

[7] Tilqa’ s-seba’ talba.

[8] Tilqa’ t-tmien talba.

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------